DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/248

tal-15 ta' Ottubru 2014

dwar il-miżuri SA.23008 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentati mir-Repubblika Slovakka għal Spoločná zdravotná poisťovňa, a.s (SZP) u Všeobecná zdravotná poisťovňa, a. s. (VZP)

(notifikata bid-dokument C(2014)7277)

(It-test Slovakk biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawnhekk 'il quddiem: "TFUE"), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq ([1]),

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-2 ta' April 2007, il-Kummissjoni rċeviet ilment mill-assiguratur tas-saħħa privat Dôvera zdravotná poisťovňa, a.s ("Dôvera" jew "l-ilmentatur") dwar allegata miżura ta' għajnuna mill-Istat lill-assiguratur tas-saħħa tal-Istat, Spoločná zdravotná poisťovňa, a.s ("SZP"), fil-forma ta' żieda ta' SKK 450 miljun (madwar EUR 15-il miljun) fis-26 ta' Jannar 2006 fil-kapital irreġistrat tiegħu.

(2) Il-Kummissjoni bagħtet talba għall-informazzjoni lir-Repubblika Slovakka fil-21 ta' Awwissu 2009. Wara estensjoni tal-iskadenza sabiex iwieġbu, l-awtoritajiet Slovakki pprovdew l-informazzjoni mitluba permezz tas-sottomissjoni tagħhom datata 24 ta' Settembru 2009.

(3) B'ittra tas-26 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika Slovakka sabiex tipprovdi aktar informazzjoni dwar din l-injezzjoni ta' kapital u talbet kjarifiki rigward l-Iskema ta' Ugwalizzazzjoni tar-Riskju (RES) Slovakka, miżura oħra li tista' possibbilment tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat. B'ittra tal-25 ta' Marzu 2010, l-awtoritajiet Slovakki talbu estensjoni tal-iskadenza sabiex iwieġbu għal din it-talba, li kienet aċċettata mill-Kummissjoni b'ittra tal-31 ta' Marzu 2010. Wara li fis-16 ta' Ġunju 2010 l-Kummissjoni kienet fakkret lir-Repubblika Slovakka sabiex tissottometti l-informazzjoni, l-awtoritajiet Slovakki wieġbu għal din it-talba b'ittra tad-9 ta' Lulju 2010. Kif mitlub mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tal-4 ta' Novembru 2010, ir-Repubblika Slovakka ssottomettiet verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dik it-tweġiba fit-3 ta' Diċembru 2010.

(4) Fl-1 ta' Jannar 2010, SZP kienet amalgamata mal-assiguratur tas-saħħa tal-Istat Slovakk l-ieħor, Všeobecná zdravotná poisťovňa, a.s ("VZP"). Mill-1998 sa mill-anqas l-2005, dawn iż-żewġ kumpanniji tal-Istat b'ishma konġunti kienu jirċievu l-portafolji tal-assigurazzjoni ta' kumpanniji oħra tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

(5) F'żewġ laqgħat bejn il-Kummissjoni u Dôvera li saru fl-10 ta' Ottubru 2010 u l-15 ta' Marzu 2011, kienu diskussi s-suġġett tal-ilment u l-funzjonament tas-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa fis-Slovakkja. Fis-sottomissjoni tagħha tal-15 ta' Lulju 2011, Dôvera tat informazzjoni addizzjonali dwar in-natura tas-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa fis-Slovakkja u wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-ilment tagħha billi inkludiet tliet miżuri ġodda allegatament mogħtija favur SZP u VZP: (i) il-ħelsien mid-dejn ta' SZP mill-kumpannija tal-Istat Veritel' a.s. fl-2004-2005 permezz ta' żewġ pagamenti ta' EUR 52,7 miljun u EUR 28 miljun; (ii) sussidju ta' EUR 7,6 miljun mogħti fl-2006 lil SZP mill-Ministeru tas-Saħħa u (iii) żieda kapitali ffinanzjata mill-Istat li tammonta għal EUR 65,1 miljun li ngħatat lil VZP fl-1 ta' Jannar 2010. Għalhekk, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Slovakki sabiex jikkummentaw dwar l-ilment estiż bl-allegazzjonijiet ġodda tiegħu. Wara estensjoni tal-iskadenza sabiex iwieġbu, l-awtoritajiet Slovakki pprovdew il-kummenti tagħhom permezz ta' ittra tal-11 ta' Novembru 2011.

([1]) ĠU C 278, 26.9.2013, p. 28.

(6) Wara laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2011, Dôvera tat aktar informazzjoni dwar in-natura tas-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa b'ittra tas-16 ta' Jannar 2012.

(7) B'ittra tat-2 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika Slovakka li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat (id-"deċiżjoni ta' ftuħ"). Id-deċiżjoni ta' ftuħ kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), fejn din talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu kummenti.

(8) B'ittra tal-24 ta' Lulju 2013, l-awtoritajiet Slovakki talbu estensjoni tad-data ta' skadenza sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ, li kienet aċċettata mill-Kummissjoni b'ittra tat-30 ta' Lulju 2013. B'ittra tas-27 ta' Awwissu 2013, ir-Repubblika Slovakka ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ.

(9) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ mingħand ħames partijiet terzi: mill-Istitut għar-riformi Ekonomiċi u Soċjali (INEKO) permezz ta' ittra tal-15 ta' Ottubru 2013; mill-Unjin zdravotná poisťovňa, a. s. ("Union Health Insurance") permezz ta' ittra tal-25 ta' Ottubru 2013; mill-Istitut għall-Politika tas-Saħħa ("HPI") permezz ta' ittra tat-28 ta' Ottubru 2013; minn Združenie zdravotných poisťovní SR ("ZZP", l-Assoċjazzjoni tal-Kumpanniji tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa fis-Slovakkja) permezz ta' ittra tat-28 ta' Ottubru 2013 u minn Dôvera permezz ta' ittra tal-11 ta' Novembru 2013.

(10) Dawn il-kummenti ntbagħtu lill-awtoritajiet Slovakki permezz ta' ittri tal-20 ta' Novembru u l-20 ta' Diċembru 2013. Fl-20 ta' Diċembru 2013, l-awtoritajiet Slovakki talbu estensjoni għall-iskadenza sabiex jirrispondu għal dawn il-kummenti sal-31 ta' Jannar 2014, li kienet aċċettata mill-Kummissjoni fl-istess jum. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Jannar 2014, is-Slovakkja wieġbet għall-kummenti ppreżentati minn partijiet terzi dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ.

(11) Fit-2 ta' April 2014, saret laqgħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Slovakki.

(12) Fil-11 ta' April 2014 u l-25 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni bagħtet talbiet addizzjonali għall-informazzjoni li s-Slovakkja wieġbet għalihom, rispettivament, b'ittra tal-15 ta' Mejju 2014 u tas-27 ta' Awwissu 2014.

2. **SFOND**

2.1. L-EVOLUZZJONI TAS-SISTEMA TAL-ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA OBBLIGATORJA FIS-SLOVAKKJA

(13) Fl-1994, is-Slovakkja qalbet minn kumpannija unika tal-assigurazzjoni mmexxija mill-Istat għal mudell pluralistiku fejn jistgħu joperaw entitajiet kemm pubbliċi kif ukoll privati. Riforma komprensiva li tinkludi l-Atti Nru 581/2004 u 580/2004, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005 (ir-"riforma tal-2005"), biddlet ir-regoli għar-ridistribuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet miġbura tal-assigurazzjoni tas-saħħa u biddlet il-forma ġuridika tal-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni (kemm tal-Istat kif ukoll privati) minn entitajiet legali *sui generis* għal kumpanniji b'responsabbiltà limitata inkorporata (jiġifieri kumpanniji b'ishma konġunti bi skop ta' qligħ, skont il-liġi privata). Kienet stabbilita awtorità regolatorja indipendenti, l-Awtorità Slovakka għas-Sorveljanza tas-Saħħa ("HSA"), sabiex toħroġ liċenzji operattivi u biex tissorvelja l-konformità tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni mar-regolamenti applikabbli. Bażikament, dawn ir-riformi tfasslu sabiex jikkontribwixxu għal effiċjenza akbar fl-użu tar-riżorsi disponibbli u sabiex iżidu l-kwalità tal-provvediment tal-kura tas-saħħa. ([3])

(14) Fis-Slovakkja, il-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa, pubbliċi u privati, jipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja għar-residenti Slovakki. ([4]) Il-possibbiltà fl-Att Nru 580/2004 li tiġi pprovduta wkoll assigurazzjoni tas-saħħa individwali bħala żieda mal-pakkett bażiku ta' benefiċċji bl-assigurazzjoni tas-saħħa

([2]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

([3]) Ara wkoll ir-Rapport tal-2004, Hlavačka S, Wágner R, Riesberg A. "Health care systems in transition: Slovakia" (Vol. 6 No. 10 2004), p. 36 ff., maħruġ mill-Osservatorju Ewropew dwar is-Sistemi u l-Politiki tas-Saħħa (disponibbli mis-sit http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0007/95938/E85396.pdf), b'mod partikolari p. 99.

([4]) Skont is-Sezzjoni 3 tal-Att Nru 580/2004, persuna fiżika residenti b'mod permanenti fir-Repubblika Slovakka trid tkun assigurata taħt is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika. Il-liġi tipprovdi għal eċċezzjonijiet, iżda għal dawk biss li jkollhom assigurazzjoni tas-saħħa f'pajjiż ieħor. Dik is-Sezzjoni 3 tiddefinixxi wkoll liema persuni jridu jkunu assigurati taħt is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika anki jekk ma jkunux residenti b'mod permanenti fir-Repubblika Slovakka. F'din id-Deċiżjoni, it-terminu "resident Slovakk" jirreferi, kif ikun xieraq, għall-kategoriji kollha ta' persuni li jridu jkunu assigurati taħt is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika.

obbligatorja baqgħet marġinali, minħabba l-benefiċċji komprensivi ta' kura tas-saħħa koperti bis-sistema obbligatorja. ([5]) Barra minn hekk, fl-2005, att leġislattiv introduċa l-possibbiltà li l-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa jipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa volontarja għal dawk li huma esklużi mill-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja ([6]).

(15) Fl-2007, l-Att Nru 530/2007 emenda l-Att Nru 581/2004 u pprojbixxa lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni attivi fis-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja milli jħallsu profitti fil-forma ta' dividendi b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, u b'hekk impona obbligu ta' riinvestiment tal-bilanċi pożittivi ġġenerati fis-sistema tas-saħħa Slovakka. B'riżultat ta' dan, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma kienu permessi li jqassmu l-ebda profitti minn Jannar 2008. Madankollu, fis-26 ta' Jannar 2011, il-Qorti Kostituzzjonali Slovakka ddikjarat il-projbizzjoni fuq id-distribuzzjoni tal-profitti bħala mhux kompatibbli ma' diversi dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Slovakka. B'referenza għal din is-Sentenza, f'Lulju 2011, l-awtoritajiet Slovakki emendaw l-Att Nru 530/2007 bl-Att Nru 250/2011 biex jippermettu lill-assiguraturi tas-saħħa jerġgħu jqassmu (lill-azzjonisti tagħhom) l-profitti miksuba mill-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet ([7]). B'riżultat ta' dawn il-bidliet leġislattivi, proċedura ta' ksur fir-rigward tar-restrizzjoni fuq il-ħlas tal-profitt ġiet magħluqa mill-Kummissjoni f'Diċembru 2011. ([8])

(16) Fil-31 ta' Ottubru 2012, l-awtoritajiet Slovakki approvaw pjan ta' proġett għall-istabbiliment ta' sistema mhux għall-profitt unitarja tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka, li se tiddaħħal jew permezz ta' akkwiżizzjonijiet volontarji (sal-1 ta' Jannar 2014) tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa privati jew permezz tal-esproprjazzjoni tagħhom (sal-1 ta' Lulju 2014) u li għandu jistabbilixxi kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa unika (tal-Istat) ([9]). Madankollu, fil-ħin li kienet adottata din id-deċiżjoni, kien għadu ma ġie implimentat l-ebda pass tal-pjan tal-proġett hawn fuq imsemmi ([10]).

2.2. L-ASSIGURATURI TAS-SAĦĦA FIS-SLOVAKKJA

(17) Skont il-leġislazzjoni Slovakka, kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa hija definita bħala kumpannija pubblika limitata li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fir-Repubblika Slovakka, stabbilita sabiex tipprovdi assigurazzjoni tas-saħħa pubblika obbligatorja soġġett għal awtorizzazzjoni mogħtija mill-HSA.

(18) Ir-residenti Slovakki għandhom għażla li jagħmlu kuntratt ma' kwalunkwe wieħed mit-tliet assiguraturi li ġejjin biex jiksbu pakkett ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja:

(a) il-kumpannija pubblika limitata tal-Istat Slovakka VZP, li kienet stabbilita fl-1 ta' Lulju 2005; Din kienet iffurmata bit-trasformazzjoni tal-intrapriża pubblika VšZP, li kienet stabbilita skont l-Att Nru 273/1994 fl-1 ta' Novembru 1994 bħala s-suċċessur għall-Kumpannija tal-Assigurazzjoni Nazzjonali (Národná poisťovňa) tal-Amministrazzjoni tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa; VZP ġiet amalgamata mal-kumpannija tal-Istat SZP fl-1 ta' Jannar 2010 skont l-Att Nru 533/2009 (għalhekk, fejn ikun xieraq, l-entità konġunta minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "SZP/VZP"); Ir-Repubblika Slovakka hija l-unika azzjonista ta' VZP;

(b) il-kumpannija pubblika limitata privata Dôvera (l-azzjonist prinċipali tagħha huwa l-grupp finanzjarju mill-Ewropa Ċentrali PENTA); Dôvera kienet stabbilita fl-1 ta' Ottubru 2005 u ġiet amalgamata ma' kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa privata Slovakka oħra, Apollo, fil-31 ta' Diċembru 2009. Fl-2010, l-entità amalgamata kienet l-akbar kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa privata fis-Slovakkja;

(c) il-kumpannija pubblika limitata privata Union Health Insurance, stabbilita fid-9 ta' Marzu 2006 u membru tal-grupp Achmea bbażat fil-Pajjiżi l-Baxxi, li qabel kien Eureko.

([5]) Ara wkoll ir-Rapport tal-2011, Szalay T, Pažitný P, Szalayová A, Frisová S, Morvay K, Petrovič M u van Ginneken E., "Slovakia: Health system review. Health Systems in Transition" (Vol. 13 No. 2 2011), maħruġ mill-Osservatorju Ewropew dwar is-Sistemi u l-Politiki tas-Saħħa (disponibbli mis-sit http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0004/140593/e94972.pdf), p. 78.

([6]) L-Att Nru 352/2005, jiġifieri għal persuni mingħajr residenza permanenti u mhux impjegati fis-Slovakkja, u dawk b'residenza permanenti fis-Slovakkja iżda b'assigurazzjoni tas-saħħa f'pajjiż ieħor. Skont it-tweġiba mill-awtoritajiet Slovakki għad-deċiżjoni ta' ftuħ, din il-possibilità ta' assigurazzjoni volontarja kienet abolita b'effett mill-1 ta' Mejju 2010 bl-Att Nru 121/2010.

([7]) Dawn il-kundizzjonijiet huma: (1) l-użu obbligatorju tal-profitt għall-ħolqien ta' riżerva sal-livell ta' 20 % tal-kapital irreġistrat imħallas (i) il-fond ta' riżerva jista' jintuża biss sabiex ikopri t-telf) u (2) il-formazzjoni obbligatorja ta' riżervi tekniċi għall-pagament ta' kura tas-saħħa ppjanata għal persuni assigurati li jkunu fuq listi ta' stennija.

([8]) Il-Ksur Nru 2008/4268 li fih il-Kummissjoni Ewropea bagħtet lill-gvern Slovakk ittra ta' avviż formali skont ir-regoli tas-suq intern, li fiha osservat li l-projbizzjoni fuq il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jiddisponu liberament minn kwalunkwe profitt li jirriżulta mill-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika fis-Slovakkja skont is-sezzjoni 15(6) tal-Att Nru 581/2004 tikkostitwixxi restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertà ta' movimenti ta' kapital kif iggarantita mill-Artikolu 63 tat-Trattat.

([9]) Il-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ riċentement ċaħdet il-ġurisdizzjoni fuq il-pretensjonijiet mill-kumpannija Olandiża Achmea (is-sid ta' Union Health Insurance) kontra dawn il-pjanijiet, ara Achmea v ir-Repubblika Slovakka, PCA Kawża Nru 2013-12, deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2014, disponibbli mis-sit: http://news.achmea.nl/achmea-discloses-awards-of-arbitration-tribunals/.

([10]) Ara http://spectator.sme.sk/articles/view/54162/3/achmea_loses_against_slovakia.html.

(19) It-Tabella ta' hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-ishma mis-suq tal-kumpanniji differenti li pprovdew assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka matul is-snin 2008-2013 ([11]):

Sena	2008	2009	2010	2011	2012	2013 ([1])
Kumpanniji	Numru ta' persuni assigurati (%)					
VZP	55,4	55,0	66,74	65,79	64,4	64,09
SZP	13,6	12,0	2010: SZP ġiet amalgamata ma' VZP			
Apollo	8,4	10,0	2010: Apollo ġiet amalgamata ma' Dôvera			
Dôvera	16,2	16,0	26,37	26,8	27,75	27,49
Union	6,4	7,0	6,89	7,41	7,85	8,42

([1]) Ara wkoll il-paragrafu 37 tad-deċiżjoni tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ tal-24 ta' Mejju 2014 fil-Kawża tal-PCA Nru 2013-12, Achmea v ir-Repubblika Slovakka (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9 aktar 'il fuq).

(20) Il-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma kumpanniji b'ishma konġunti, filwaqt li r-regolament dwar is-sjieda jippermetti lis-setturi kemm pubbliċi kif ukoll privati li jkunu azzjonisti. Il-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma obbligati jilħqu ċerti kriterji ta' solvenza. Billi huma taħt restrizzjonijiet baġitarji stretti, huma kompletament responsabbli għan-nuqqasijiet finanzjarji. Bħala kumpanniji b'ishma konġunti privati stabbiliti skont id-dritt soċjetarju ġenerali, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jidhru li jimmaniġġjaw b'mod awtonomu l-operazzjonijiet u l-kostijiet tal-kura tas-saħħa tagħhom.

(21) Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jistgħu u fil-fatt jagħmlu profitti. ([12]) Id-dħul tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni fis-Slovakkja jinkiseb mill-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni, il-baġit tal-Istat (kontribuzzjonijiet f'isem il-persuni ekonomikament inattivi u sussidju sabiex ikopri ż-żidiet fil-kostijiet tas-servizzi tas-saħħa), introjtu minn proprjetà, rigali u introjtu ieħor. Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jistgħu jagħmlu profitti pereżempju billi jtejbu s-sistemi ta' ġestjoni tagħhom u permezz tan-negozjati tagħhom meta jagħmlu kuntratti mal-forniturі tal-kura tas-saħħa.

2.3. KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI TAS-SETTUR TAL-ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA OBBLIGATORJA SLOVAKK

2.3.1. **Għan soċjali u interess pubbliku**

(22) L-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka għandha għan soċjali, jiġifieri li taħseb għall-forniment tal-kura tas-saħħa u ż-żamma ta' sistema ta' assigurazzjoni tas-saħħa vijabbli. Iċ-ċittadini għandhom id-dritt għal assigurazzjoni tas-saħħa u r-residenti Slovakki għandhom l-obbligu li jkunu assigurati. ([13]) Id-dritt għal kura tas-saħħa b'xejn ibbażata fuq l-assigurazzjoni tas-saħħa huwa obbligu kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka. ([14]) Skont l-awtoritajiet Slovakki, billi jipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma meqjusa li qegħdin jissodisfaw obbligu kostituzzjonali f'isem l-Istat, jiġifieri l-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa lir-residenti Slovakki billi jimmaniġġjaw l-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fis-Slovakkja. Ir-Repubblika Slovakka hija responsabbli bil-liġi għall-finanzjament tas-sistema tal-kura tas-saħħa u biex tkopri t-telf fis-settur tal-kura tas-saħħa. ([15]) Skont is-Sezzjoni 2 tal-Att Nru 580/2004 dwar l-assigurazzjoni tas-saħħa, il-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika obbligatorja hija attività fl-interess pubbliku, li fit-tħaddim tagħha jiġu mmaniġġjati fondi pubbliċi.

([11]) Iċ-ċifri tul il-perjodu 2011-2013 kienu pprovduti mill-ilmentatur fil-kummenti tiegħu għad-deċiżjoni ta' ftuħ.
([12]) Id-deċiżjoni ta' ftuħ, premessi 23 u 24.
([13]) L-obbligu ta' assigurazzjoni huwa speċifikat bil-liġi għall-persuni definiti kollha (Sezzjoni 3 tal-Att Nru 580/2004). Iċ-ċittadini kollha speċifikati bil-liġi huma legalment meħtieġa li jħallsu kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika (Sezzjoni 11 tal-Att Nru 580/2004). In-nuqqas ta' pagament tal-kontribuzzjonijiet huwa kklassifikat bħala reat kriminali.
([14]) L-Artikolu 40 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka, fost id-"drittijiet u l-libertajiet fundamentali" iggarantiti mill-kostituzzjoni, jistipula: "Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa tagħha. Abbażi ta' assigurazzjoni tas-saħħa, iċ-ċittadini għandhom id-dritt għal kura tas-saħħa b'xejn u għal provvisti mediċi taħt kundizzjonijiet definiti mil-liġi."
([15]) B'mod speċifiku, flimkien mal-bidliet leġislattivi adottati fl-2004, ir-Repubblika Slovakka ħelset djun ta' kważi EUR 1 biljun, li kienu saru qabel mis-settur tas-saħħa, inklużi d-djun ta' kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa privati (skont l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Slovakki lill-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2010).

2.3.2. **Sħubija obbligatorja, reġistrazzjoni miftuħa u klassifikazzjoni tal-komunità**

(23) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att Nru 580/2004 u l-Att Nru 581/2004, il-parteċipazzjoni fil-programm tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Slovakk hija obbligatorja għall-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni fir-Repubblika Slovakka. ([16]) L-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fis-Slovakkja tkopri wkoll il-persuni assigurati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ([17]), sat-30 ta' April 2010, u, mill-1 ta' Mejju 2010, skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([18])

(24) Il-persuni assigurati għandhom id-dritt li jagħżlu kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-għażla tagħhom u li jibdlu l-kumpannija tal-assigurazzjoni darba fis-sena. Skont l-obbligu tar-reġistrazzjoni miftuħa u l-prinċipju tal-klassifikazzjoni tal-komunità, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa fis-Slovakkja għandhom obbligu legali li jdaħħlu fl-iskema tal-assigurazzjoni tagħhom lil kull resident Slovakk li jitlob dan, bil-kundizzjoni li huwa/hija jissodisfaw ir-rekwiżiti legali għall-assigurazzjoni tas-saħħa fis-Slovakkja. B'mod partikolari, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma jistgħux jirrifjutaw li jassiguraw persuna abbażi tal-età, l-istat tas-saħħa jew ir-riskji ta' mard ([19]) u jridu joffru assigurazzjoni bażika tas-saħħa bl-istess prezz lill-persuni kollha irrispettivament minn dawn il-fatturi.

(25) Is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakka għalhekk tinkludi wkoll arkitettura legali għall-kondiviżjoni ekwa tar-riskji fost il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa permezz ta' skema ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju (RES). Bir-RES ([20]), il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jassiguraw persuni assoċjati ma' riskju ogħla jirċievu fondi mingħand kumpanniji tal-assigurazzjoni li l-portafoll tagħhom huwa assoċjat ma' riskju aktar baxx, jiġifieri permezz ta' riallokazzjoni kull xahar jew annwali tal-kontribuzzjonijiet u l-amministrazzjoni tat-trasferimenti. ([21])

2.3.3. **Benefiċċji u kontribuzzjonijiet relatati mal-introjtu**

(26) L-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka hija bbażata fuq sistema ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji. Ir-rati tal-kontribuzzjoni huma definiti bil-liġi u huma proporzjonali mal-introjtu tal-persuna assigurata (simili għat-taxxa li titħallas fuq l-introjtu), pjuttost milli huma bbażati fuq ir-riskju assigurat (bħall-età tal-persuna assigurata jew l-istat tas-saħħa). Dawk il-kontribuzzjonijiet, li l-awtoritajiet Slovakki jqisu li huma parti mill-fondi pubbliċi, jiġu miġbura minn: (1) l-impjegati u l-impjegaturi; (2) il-persuni li jaħdmu għal rashom; (3) il-persuni qiegħda b'mod volontarju; (4) l-Istat (għall-"persuni assigurati mill-Istat", jiġifieri l-grupp ta' persuni li huma l-aktar ekonomikament inattivi) u (5) il-kontribwenti ta' dividendi.

(27) Il-persuni assigurati kollha huma ggarantiti l-istess livell bażiku ta' benefiċċji ("il-pakkett bażiku ta' benefiċċji"). Ma hemm l-ebda rabta diretta bejn l-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa u l-benefiċċji ([22]) riċevuti. Is-servizzi mediċi koperti mill-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja huma pprovduti irrispettivament mill-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna assigurata.

(28) Il-pakkett bażiku ta' benefiċċji tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja jkopri kważi l-proċeduri kollha tal-kura tas-saħħa li jiġu pprovduti fir-Repubblika Slovakka, li jfisser li tista' tgħid il-kura tas-saħħa sħiħa tiġi pprovduta permezz ta' dak il-pakkett. Attwalment, il-pakkett bażiku ta' benefiċċji jintitola 'l kulħadd għal kura tas-saħħa b'xejn bl-eċċezzjoni biss ta' ftit trattamenti (eż. kirurġija kożmetika), u pagamenti parzjali għall-farmaċewtiċi u t-trattamenti fl-ispas u servizzi magħżula relatati mal-kura tas-saħħa (eż. żjarat fid-dipartiment tal-emerġenza). Il-pakkett bażiku ta' benefiċċji jista' jitnaqqas jew jitwessa' b'digriet tal-gvern (mingħajr negozjati parlamentari). Billi l-Kostituzzjoni Slovakka tiggarantixxi lil kull ċittadin kura tas-saħħa bis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni ma għandhom l-ebda influwenza fuq il-pakkett tal-benefiċċji, il-livell ta' kopertura jew il-primjums tal-pakkett bażiku ta' benefiċċji, billi dawn huma ffissati bil-liġi.

(29) Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakki jistgħu u fil-fatt iżidu mal-pakkett bażiku ta' benefiċċji diversi intitolamenti (benefiċċji) addizzjonali tal-għażla tagħhom, li jkopru servizzi mhux inklużi fihom, iżda li jiġu offruti bla ħlas mill-assiguraturi lill-klijenti tagħhom, bħala parti mill-istess pakkett ta' kura tas-saħħa taħt l-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja. Pereżempju, skont l-informazzjoni disponibbli jidher li l-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jistgħu jiddeċiedu li joffru kopertura addizzjonali ta' ċerti trattamenti kumplimentari u preventivi taħt l-istess pakkett ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja. Dawn il-benefiċċji addizzjonali huma distinti mis-servizzi ta' assigurazzjoni tas-saħħa individwali li jistgħu jiġu offruti bi ħlas.

([16]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4.
([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2).
([18]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).
([19]) Ara wkoll is-Sezzjoni 6(9) tal-Att Nru 580/2004.
([20]) Il-Parti 3 tal-Att Nru 580/2004
([21]) Ara l-premessi 45 sa 47 aktar 'l isfel.
([22]) Ara l-Att Nru 577/2004.

2.3.4. **Għażla tal-forniturі u s-servizzi tal-kura tas-saħħa**

(30) Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma permessi li jagħżlu l-forniturі tal-kura tas-saħħa u li jinnegozjaw kuntratti ma' tobba u sptarijiet individwali. Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa għalhekk jagħmlu kuntratti ma' forniturі tal-kura tas-saħħa individwali; dawk il-kuntratti jiġu konklużi indipendentement minn xulxin u fornitur ta' kura tas-saħħa individwali jista' jagħmel kuntratt mal-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa jew ma' xi whud biss minnhom u viċi versa. Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jirrimborżaw is-servizzi mogħtija minn forniturі tal-kura tas-saħħa kemm tal-Istat kif ukoll privati.

(31) Sabiex tiġi assigurata l-aċċessibbiltà ġeografika tas-servizzi tas-saħħa, il-gvern stabbilixxa rekwiżit ta' netwerk minimu sabiex jinfluwenza l-ippjanar tal-kapaċità. Fil-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma meħtieġa bil-liġi li jagħmlu kuntratt ma' netwerk minimu ta' sptarijiet. Kull kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa toħloq in-netwerk proprju tagħha u ttejjeb in-netwerk minimu permezz ta' kuntrattar selettiv ma' sptarijiet addizzjonali u forniturі oħra ta' servizzi ta' kura tas-saħħa. Is-servizzi ta' kura tas-saħħa mogħtija minn dawk l-isptarijiet u/jew forniturі oħra ta' servizzi ta' kura tas-saħħa u li huma inklużi fil-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja għalhekk huma koperti mill-assiguratur tal-kura tas-saħħa favur il-persuni assigurati. Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandhom ċertu marġinu ta' diskrezzjoni meta jinnegozjaw mal-isptarijiet dwar il-prezz u l-kwalità tas-servizzi ta' kura tas-saħħa mogħtija lill-persuni assigurati.

2.3.5. **Qafas regolatorju**

(32) L-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka hija regolata b'regolamenti speċjali. ([23]) Il-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja għandhom, bil-liġi, status, drittijiet u obbligi identiċi. Kull kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa trid tiġi stabbilita bil-għan li twettaq assigurazzjoni tas-saħħa pubblika u ma tridx twettaq attivitajiet għajr dawk elenkati fis-Sezzjoni 6 tal-Att Nru 581/2004. L-attivitajiet tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jimmaniġġjaw l-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja huma soġġetti għall-kontroll ġenerali tal-Istat, eżerċitat b'mod partikolari permezz tal-awtorità regolatorja — l-HSA, li għandha rwol ta' monitoraġġ u superviżorju fis-sistema tas-saħħa. L-HSA tissorvelja jekk il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa u l-forniturі jimxux ma' dan il-qafas leġislattiv u tintervjeni meta jseħħ xi ksur.

3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI KKONTESTATI

(33) Id-deċiżjoni preżenti teżamina s-sitt miżuri li ġejjin (kollettivament imsejħa "il-miżuri kkontestati"): ([24])

3.1. IŻ-ŻIEDA KAPITALI TAL-2006 FL-SZP

(34) Bl-ittra datata 2 ta' April 2007, il-kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa privata Dôvera ppreżentat ilment lill-Kummissjoni kontra injezzjoni ta' kapital mir-Repubblika Slovakka fil-kumpannija tal-Istat SZP li tammonta għal SKK 450 miljun (madwar EUR 15-il miljun) magħmula fi tliet segmenti bejn it-28 ta' Novembru 2005 u t-18 ta' Jannar 2006.

(35) Dik iż-żieda ta' kapital kienet assoċjata mar-riforma tas-settur tal-kura tas-saħħa u r-riforma tal-2004-2005 tas-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa fir-Repubblika Slovakka. Fil-fatt, fiż-żmien tal-istabbiliment tagħha bħala kumpannija b'ishma konġunti fl-2005, SZP, bħala s-suċċessur legali ta' istituzzjoni pubblika ([25]), kienet meħtieġa bil-liġi li tieħu mhux biss l-assi tal-kumpannija tal-assigurazzjoni oriġinali, iżda wkoll l-obbligazzjonijiet tagħha, imġarrba qabel l-2005, li l-ammont tagħhom ikkawża livell inadegwat ta' solvenza, kif stabbilit skont ir-rekwiżiti tas-Sezzjoni 14(1) tal-Att dwar il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa (l-Att 581/2004). Dawk l-obbligazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu jammontaw għal SKK 467,765 miljun (madwar EUR 15,5-il miljun).

([23]) Eż. ir-relazzjoni bejn il-persuna assigurata u l-assiguratur tas-saħħa hija ffurmata mhux bil-kuntratt iżda bil-liġi (ara s-sezzjoni 4 tal-Att Nru 580/2004). Is-superviżjoni tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa u f-forniment tal-kura tas-saħħa huma regolati wkoll bil-liġi.

([24]) Il-miżuri huma deskritti f'aktar dettall fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-premessi (44) sa (72).

([25]) Bħala istituzzjoni pubblika qabel l-1 ta' Mejju 2005, SZP iffunzjonat bħala kumpannija tal-assigurazzjoni b'portafoll speċifiku u relattivament ristrett ta' assigurazzjoni, filwaqt li, meta mqabbla ma' assiguraturi oħra tas-saħħa, hija kienet obbligata wkoll mad-detenturi ta' polza tagħha li tkopri kura tas-saħħa preventiva u speċifika u kura tas-saħħa speċifika mogħtija b'rabta ma' korrimenti relatati max-xogħol u mard okkupazzjonali.

3.2. IL-ĦELSIEN TAD-DJUN TA' SZP MINN VERITEĽ

(36) Veriteľ kienet stabbilita bħala aġenzija ġdida tal-Istat għall-konsolidament tad-djun tal-kura tas-saħħa fl-2003 ([26]) u kienet inkarigata mill-Gvern Slovakk għall-implimentazzjoni ta' proġett sabiex il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u l-kumpanniji tal-assigurazzjoni jinħelsu mid-djun tagħhom qabel ir-riorganizzazzjoni tal-fondi eżistenti kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa bħala kumpanniji b'ishma konġunti sat-30 ta' Settembru 2005. Il-proċess ta' ħelsien mid-dejn twettaq skont riżoluzzjonijiet tal-Gvern Slovakk.

(37) Fil-perjodu mill-2003 sal-2005, Veriteľ issaldat dejn fis-settur tas-saħħa li kien jaqbeż EUR 1 100 miljun f'valur kontabilistiku bil-prezz ta' EUR 644 miljun fi flus kontanti. Billi l-Ministeru tas-Saħħa ħabbar li dan kien l-aħħar salvataġġ tas-sistema tal-kura tas-saħħa, l-aġenzija Veriteľ kienet abolita fl-2006. ([27])

(38) L-ilmentatur isostni li l-ħelsien ta' EUR 52,7 miljun ta' dejn ta' SZP minn Veriteľ, billi huwa ogħla minn dak li l-ilmentatur innifsu kien irċieva ([28]), jissuġġerixxi trattament diskriminatorju fil-proċess ta' ħelsien mid-dejn. Madankollu, it-tħassib ewlieni tal-ilmentatur huwa li, barra minn hekk, fit-30 ta' Novembru 2005 (għalhekk wara t-trasformazzjoni), Veriteľ ħelset ukoll madwar EUR 28 miljun ta' dejn ieħor li SZP kellha mal-kont speċjali ta' ridistribuzzjoni tal-primjums. Dan sar permezz taċ-ċessjoni minn SZP lil Veritel tal-pretensjonijiet u l-imgħax tal-primjums. SZP assenjat lil Veritel madwar SKK 929 miljun fi pretensjonijiet ta' primjums u mgħax (minn dawn madwar SKK 343 miljun f'imgħax). Min-naħa tagħha, Veritel ipprovdiet konsiderazzjoni ta' SKK 840 miljun (madwar EUR 28 miljun) lil SZP billi paċiet id-dejn tagħha fil-kont speċjali ta' ridistribuzzjoni tal-primjums. ([29])

3.3. IS-SUSSIDJU TAL-2006 LIL SZP

(39) Fit-tieni nofs tal-2006, ingħata sussidju ieħor lil SZP mill-Ministeru tas-Saħħa billi ntużat parti mill-bilanċ tal-likwidazzjoni ta' Veriteľ, li kienet xolta f'Lulju 2006. Skont l-ilmentatur, l-ammont tas-sussidju kien ta' madwar EUR 7,6 miljun.

(40) L-ilmentatur jallega li dan is-sussidju ngħata sabiex jiġu saldati obbligazzjonijiet ta' SZP mal-forniturі tal-kura tas-saħħa li jmorru lura għal qabel l-2005, għalkemm ma kienx ċar jekk dawk id-djun kinux għadhom hemm fiż-żmien tal-għotja.

(41) Madankollu, skont l-awtoritajiet Slovakki, ir-riżorsi finanzjarji mill-bilanċ tal-likwidazzjoni ta' Veriteľ ma ngħatawx lil SZP iżda lil faċilitajiet mediċi, li dak iż-żmien kienu tal-Istat, sabiex iħallsu l-obbligazzjonijiet tagħhom (jiġifieri l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-impjegati tagħhom) lil SZP. Għalhekk, skont l-awtoritajiet Slovakki, ma kien involut l-ebda sussidju, iżda pjuttost il-pagament normali ta' obbligazzjonijiet eżistenti mhux disputati mill-Istat — il-primjums mhux imħallsa għall-assigurazzjoni tas-saħħa.

3.4. IŻ-ŻIEDA KAPITALI TAL-2010 F'VZP

(42) Ir-Repubblika Slovakka, permezz tal-Ministeru tas-Servizzi tas-Saħħa, żiedet il-kapital azzjonarju rreġistrat tagħha f'VZP fl-1 ta' Jannar 2010. Iż-żieda fil-kapital azzjonarju ammontat għal madwar EUR 65,1 miljun.

(43) Skont l-ilmentatur, billi VZP kienet qrib l-insolvenza, jidher li l-Istat aġixxa b'dan il-mod biex inaqqas id-defiċit fid-dħul ta' VZP. L-ilmentatur isostni wkoll li l-Istat ma għandu assolutament l-ebda tama li jirċievi redditu fuq l-investiment tiegħu f'qafas ta' żmien raġonevoli, b'mod partikolari minħabba li s-Slovakkja kienet għadha kemm daħħlet liġi li timpedixxi lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa milli jqassmu l-profitti tagħhom.

(44) Skont l-awtoritajiet Slovakki, din iż-żieda kapitali tal-2010 f'VZP saret sabiex telimina l-impatti tal-kriżi finanzjarja u biex issostni lil VZP sabiex tirreżisti għall-pressjoni li żżid il-livell ta' dejn bid-domanda dejjem tiżdied għall-kura tas-saħħa.

([26]) Veriteľ, a.s. kienet stabbilita bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Slovakk Nru 262 tat-2 ta' April 2003.

([27]) Ara r-Rapport tal-2011, Szalay T, Pažitný P, Szalayová A, Frisová S, Morvay K, Petrovič M u van Ginneken E., "Slovakia: Health system review. Health Systems in Transition" (Vol. 13 Nru. 2 2011), maħruġ mill-Osservatorju Ewropew dwar is-Sistemi u l-Politiki tas-Saħħa (disponibbli mis-sit http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0004/140593/e94972.pdf), p. 142.

([28]) Skont l-ilmentatur, il-predeċessuri ta' Dôvera, b'kuntrast, għalkemm flimkien kienu akbar fid-daqs minn SZP, raw id-djun tagħhom jinħelsu b'ammont ta' EUR 27,25 miljun biss.

([29]) Skont l-ilmentatur, li kien qiegħed jikkwota mir-Rapport tal-Inkjesta dwar l-Attivitajiet ta' Veriteľ, a.s. Matul l-Eżistenza ssħiħa tagħha, Ministeru tal-Finanzi Slovakk, Settembru 2007.

3.5. L-ISKEMA TA' UGWALIZZAZZJONI TAR-RISKJU (RES)

(45) Waqt il-valutazzjoni preliminari tagħha, il-Kummissjoni skopriet ukoll li l-finanzjament tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa fir-Repubblika Slovakka jinkludi mekkaniżmu ta' ppuljar u aġġustament tar-riskju — Skema ta' Ugwalizzazzjoni tar-Riskju (RES).

(46) Ir-RES ([30]) tapplika b'mod sħiħ għall-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka. Filwaqt li l-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja jingħabru direttament mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa mingħand l-impjegaturi, il-persuni li jaħdmu għal rashom, l-awtokontribwenti (persuni qiegħda b'mod volontarju), l-Istat u l-kontribwenti ta' dividendi, id-distribuzzjoni tad-dħul u l-infiq fost il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa mhijiex ugwali minħabba l-istruttura differenti tal-popolazzjonijiet assigurati tagħhom. Sabiex jittaffa l-piż finanzjarju fuq il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa b'portafoll ta' riskju ogħla u biex jitnaqqas il-potenzjal ta' għażla tar-riskju, il-kontribuzzjonijiet jerġgħu jiġu distribwiti bejn il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa bl-użu tar-RES, permezz ta' kalkolu magħżul mill-HSA. ([31]) Il-parametri applikati fir-RES huma l-età, is-sess u, mill-2010, l-istatus tal-attività ekonomika tal-persuna assigurata.

(47) L-awtoritajiet Slovakki ma jqisux ir-RES bħala forma ta' għajnuna mill-Istat iżda pjuttost bħala kwistjoni ta' ugwalizzazzjoni tal-fondi skont il-kriterji applikabbli tar-RES għall-persuni assigurati, jiġifieri hija każ ta' solidarjetà bejn il-persuni assigurati u għalhekk mhux għajnuna mill-Istat.

3.6. IT-TRASFERIMENTI TA' PORTAFOLJI LIL SZP U VZP

(48) Miżura oħra li ġiet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni waqt il-valutazzjoni preliminari tagħha hija l-eżistenza ta' diversi trasferimenti diretti, bl-intervent tal-Istat, lil SZP u VZP, ta' portafolji ta' kumpanniji oħra tal-assigurazzjoni tas-saħħa (b'mod partikolari tal-kumpannija Družstevná zdravotná poisťovňa lil VZP, u tal-kumpannija Európská zdravotná poisťovňa lil SZP) li kienu likwidati maż-żmien.

(49) Skont id-Dôvera, il-portafoll ta' EZP ġie trasferit direttament lil SZP minkejja li kien hemm operaturi interessati oħra fis-suq, filwaqt li l-limiti u l-kundizzjonijiet tat-trasferiment ma kinux ċari.

(50) Ir-Repubblika Slovakka targumenta li d-deċiżjoni tal-HSA li tittrasferixxi l-portafoll ta' EZP lil SZP mingħajr l-ebda konsiderazzjoni hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Att Nru 581/2004 filwaqt li tirrispetta d-dritt tal-persuni assigurati li jagħżlu kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Huma jsostnu li kumpanniji oħra tal-assigurazzjoni esprimew interess f'dan il-portafoll, iżda b'kundizzjonijiet li kienu jtawlu b'mod sproporzjonat il-proċess tal-likwidazzjoni. Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Slovakki, billi t-trasferiment tal-portafolji kien jirrigwarda l-pretensjonijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpanniji likwidati, ma ngħata l-ebda vantaġġ lill-benefiċjarji VZP u SZP.

4. RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(51) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar l-istabbiliment tan-natura ekonomika jew mhux ekonomika tal-attività kkonċernata u indikat li, fid-dawl tal-partikularitajiet tal-każ, SZP/VZP u l-kumpanniji l-oħra li joffru assigurazzjoni tas-saħħa fis-sistema obbligataorja fir-Repubblika Slovakka setgħu kienu involuti f'attività ekonomika mill-1 ta' Jannar 2005. Hija qieset li t-taħlita ta' elementi ekonomiċi u mhux ekonomiċi tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka kienet tagħmilha neċessarja li titwettaq analiżi dettaljata tal-elementi differenti tagħha u tal-importanza rispettiva tagħhom fi ħdan l-iskema sabiex jiġi determinat jekk l-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja, bil-mod kif inhija organizzata u mwettqa fis-Slovakkja, għandhiex titqies bħala ta' natura ekonomika (mill-1 ta' Jannar 2005) jew mhux ekonomika.

(52) Il-Kummissjoni indikat ukoll li — jekk ikun meħtieġ li l-attività titqies bħala ta' natura ekonomika — hija ma kellhiex biżżejjed informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tistabbilixxi jekk il-miżuri taħt skrutinju jagħtux vantaġġ selettiv lil SZP/VZP.

(53) Wara li kkonkludiet li hija għalhekk ma setgħetx teskludi l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat f'dak l-istadju, fin-nuqqas ta' argumenti speċifiċi jew indikazzjonijiet ċari dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern, il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji dwar jekk dawk il-miżuri jistgħux jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106(2) jew l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, f'każ li hija tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat.

([30]) Il-Parti 3 tal-Att Nru 580/2004
([31]) Ara l-premessi 60 sa 67 tad-deċiżjoni ta' ftuħ għal aktar dettalji dwar ir-RES.

(54) F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni nnotat li l-konklużjoni finali dwar jekk l-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka hijiex fil-fatt ta' natura ekonomika jew mhux ekonomika, jekk il-miżuri tal-Istat jissodisfawx il-kundizzjonijiet l-oħra sabiex jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u, jekk iva, jekk humiex kompatibbli mas-suq intern, tista' tinstilet biss f'deċiżjoni finali li għandha tiġi adottata wara li titlesta l-investigazzjoni formali, meta tkun inġabret l-informazzjoni kollha disponibbli (fosthom aktar kummenti tal-Istat Membru u partijiet terzi) u tkun saret valutazzjoni komprensiva tal-informazzjoni kollha.

5. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

(55) Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti li ġejjin mingħand il-partijiet interessati, kif miġbura fil-qosor hawn taħt:

5.1. DÔVERA

(56) Bi tweġiba għad-deċiżjoni ta' ftuħ, Dôvera, l-ilmentatur, ipprovdiet informazzjoni addizzjonali dwar is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa u argumentazzjoni addizzjonali b'mod partikolari sabiex tissostanzja l-opinjoni tagħha li SZP/VZP huma impriżi soġġetti għad-dritt tal-kompetizzjoni u bbenefikaw minn għajnuna mill-Istat mhux kompatibbli.

(57) Dôvera tirrimarka li SZP/VZP jikkompetu ma' kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa privati li joffru l-istess servizz waqt li jfittxu profitt, billi tirreferi għas-sottomissjonijiet preċedenti tagħha dwar in-natura ekonomika tal-attività u l-każistika riċenti tal-Qorti. ([32]) F'dan il-kuntest, Dôvera ssostni li d-diversi elementi ppreżentati mir-Repubblika Slovakka elenkati fid-deċiżjoni ta' ftuħ bħala li jippuntaw lejn in-natura mhux ekonomika tal-attivitajiet ta' VZP/SZP ma jgħaddux minn skrutinju. Skont Dôvera, ir-riforma tal-2004-2005 kienet maħsuba biex toħloq suq kompetittiv, li kien rikonoxxut u kkonfermat mill-ġudikatura Slovakka (jiġifieri l-Qorti Kostituzzjonali Slovakka) kif ukoll mill-awtoritajiet Slovakki nfushom. F'dan il-kuntest, Dôvera tirrimarka wkoll li l-assiguraturi jikkompetu għall-forniture tal-kura tas-saħħa permezz ta' kuntrattar selettiv u negozjati dwar il-prezz u l-kwalità tas-servizzi, u ssemmi wkoll il-kampanji promozzjonali mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa sabiex iżommu u jattiraw il-klijenti. Dovera tiċħad ukoll in-natura esklussivament soċjali tas-sistema, fejn tirreferi għall-possibbiltà li l-assiguraturi tas-saħħa jagħmlu u jqassmu l-profitti u r-rieda tal-investituri privati li jinvestu f'operaturi attivi fis-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakk.

(58) B'referenza għas-sottomissjonijiet preċedenti tagħha lill-Kummissjoni qabel id-deċiżjoni ta' ftuħ, Dôvera tissottometti wkoll li l-miżuri kollha identifikati f'dik id-deċiżjoni għandhom jiġu kkwalifikati bħala għajnuna illegali billi kienu ssodisfati l-elementi l-oħra kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Fl-opinjoni tagħha, ir-Repubblika Slovakka ma tistax titqies li aġixxiet bħala investitur f'ekonomija tas-suq meta żiedet il-kapital ta' SZP fl-2006 u l-kapital ta' VZP fl-2010. Dôvera targumenta wkoll li r-Repubblika Slovakka ddiskriminat bejn SZP/VZP u l-kumpanniji tal-assigurazzjoni privati permezz ta' trattament iżjed favorevoli ta' SZP fil-proċess ta' ħelsien mid-dejn tal-2003-2005 kif ukoll bl-introduzzjoni ta' żewġ parametri ġodda fir-RES fl-2009 u l-2012. Rigward it-trasferiment tal-portafolji, il-kummenti ta' Dôvera jiffukaw fuq it-trasferiment tal-portafoll tal-assigurazzjoni ta' EZP, billi m'għandha l-ebda informazzjoni dwar trasferiment preċedenti ta' portafolji lil VZP. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-Kummissjoni setgħet ġiet miżinformata mill-awtoritajiet Slovakki dwar il-qafas legali applikabbli għal dak it-trasferiment ta' portafolji.

(59) Dôvera fl-aħħar nett targumenta li l-awtoritajiet Slovakki naqsu milli juru li l-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja huwa servizz ta' interess ġenerali u b'hekk tqajjem dubji dwar l-istess bażi ta' analiżi skont il-każistika ta' *Altmark* ([33]) u l-pakkett ta' SGEI tal-Kummissjoni.

5.2. UNION HEALTH INSURANCE

(60) L-osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ ippreżentati mill-Union Health Insurance, il-kompetitur privat l-ieħor ta' SZP/VZP, huma ġeneralment konsistenti mal-kummenti pprovduti minn Dovera, fejn din argumentat li SZP u VZP huma impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Union Health Insurance ssostni li ħamsa mis-sitt miżuri deskritti fis-sezzjoni 3 ta' din id-Deċiżjoni jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat u mhumiex kompatibbli mas-suq intern. Rigward is-sitt miżura, ir-RES, Union Health Insurance ssostni li din tista' potenzjalment tissodisfa

([32]) Kawża T-347/09, Ġermanja v. il-Kummissjoni, 12 ta' Settembru 2013, għadha ma ġietx ippubblikata.
([33]) Kawża C-280/00 Altmark [2003] ECR I-7747.

l-kundizzjonijiet tal-każistika ta' *Altmark* għal kumpens tas-servizz pubbliku jew tista' tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat, u b'hekk teħtieġ aktar investigazzjoni dwar l-approċċ diskriminatorju potenzjali tiegħu favur il-benefiċjarju nett tar-RES, jiġifieri SZP/VZP.

5.3. HPI, INEKO U ZZP

(61) L-osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ ippreżentati mit-tliet partijiet terzi l-oħra, jiġifieri HPI, INEKO u ZZP b'mod ġenerali jappoġġaw il-pożizzjoni tal-ilmentatur Dôvera u Union Health Insurance li l-attività hija ta' natura ekonomika u l-miżuri jinvolvu għajnuna mill-Istat billi jagħtu vantaġġ selettiv lil SZP/VZP, billi juru l-konvinzjoni tagħhom li l-assiguraturi tas-saħħa qegħdin joperaw f'ambjent kompetittiv (billi jużaw modi differenti biex jattiraw il-klijenti) u jsostnu li l-Istat ta trattament preferenzjali lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Istat.

6. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TA' FTUĦ U SOTTOMISSJONIJIET ADDIZZJONALI TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

(62) Ir-Repubblika Slovakka ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ u pprovdiet kummenti dwar l-osservazzjonijiet ta' partijiet terzi.

(63) Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet Slovakki pprovdew kjarifiki u argumentazzjoni addizzjonali sabiex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom li s-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja mhijiex soġġetta għar-regoli tal-kompetizzjoni billi ma tinvolvix attività ekonomika. Huma jallegaw li l-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka ma tistax tiġi kwalifikata bħala ekonomika skont il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ([34]) b'mod partikolari għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Is-sistema għandha għan soċjali.

(b) Is-sistema hija bbażata fuq is-solidarjetà, b'mod partikolari minħabba dan li ġej:

i. reġistrazzjoni obbligatorja għar-residenti Slovakki;

ii. il-persuni assigurati kollha huma ggarantiti l-istess livell minimu ta' benefiċċji;

iii. il-kontribuzzjonijiet mhumiex relatati mal-benefiċċji fuq livell individwali, billi l-kontribuzzjonijiet huma stabbiliti bil-liġi (l-ebda kompetizzjoni fuq il-prezzijiet);

iv. hemm solidarjetà fir-riskju bejn l-assiguraturi: RES u klassifikazzjoni tal-komunità.

(c) Hemm qafas regolatorju dettaljat, soġġett għal superviżjoni mill-Istat: l-istatus, id-drittijiet u l-obbligi tal-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma stabbiliti bil-liġi.

(64) Ir-Repubblika Slovakka tirribatti s-suppożizzjoni li, b'riżultat tal-bidliet leġislattivi tal-2005, is-sistema tas-saħħa Slovakka nbidlet f'sistema kummerċjali u ssostni li s-sistema qatt ma tilfet in-natura mhux kummerċjali pubblika tagħha. Huma jiġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li s-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakka hija parti mis-sistema tas-sigurtà soċjali u jirreferu għall-kompetenzi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 168(7) tat-Trattat għall-organizzazzjoni u t-twassil tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

(65) L-awtoritajiet Slovakki jsostnu wkoll li r-riforma tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma ssostitwietx l-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika b'assigurazzjoni tas-saħħa privata u ma fethet il-kopertura tal-ebda riskju li jirrigwarda s-sigurtà soċjali statutorja għall-assiguraturi privati. Skont is-Slovakkja, l-għan primarju tar-riforma fis-settur tas-saħħa kien li tistabbilixxi regoli preċiżi sabiex jiġu trattati r-riżorsi finanzjarji allokati lis-saħħa u li r-riorganizzazzjoni, sat-30 ta' Settembru 2005, tal-fondi eżistenti kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa bħala kumpanniji b'ishma konġunti b'regoli kontabilistiċi definiti b'mod ċar dehret bħala mod xieraq ta' kif jiġu stabbiliti dawk ir-regoli. L-awtoritajiet Slovakki jqisu li l-assiguraturi tas-saħħa kollha fis-Slovakkja huma involuti fl-immaniġġjar tal-fondi pubbliċi fdati lilhom fi ħdan is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika.

([34]) B'mod partikolari l-Kawżi Konġunti C-159/91 u C-160/91 Poucet u Pistre; il-Kawża C-218/00 Cisal u INAIL; il-Kawżi Konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01 AOK Bundesverband.

(66) Skont l-awtoritajiet Slovakki, il-fatt li s-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka tippermetti grad limitat ta' kompetizzjoni dwar il-kwalità jista' jitqies bħala element li jinkoraġġixxi lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li joperaw b'mod ekonomiku skont il-prinċipji ta' ġestjoni tajba, fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-sistema, iżda mhux bħala element li jista' jinfluwenza n-natura mhux ekonomika tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa kollha kemm hi.

(67) L-awtoritajiet Slovakki jispjegaw ukoll li l-fondi akkumulati u ridistribwiti fi ħdan l-istruttura tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Slovakka permezz tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma t-total tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika li huma obbligatorji skont il-liġi, u għalhekk huma parti mill-finanzi pubbliċi tas-Slovakkja. Il-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa għalhekk huma responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi pubbliċi miġbura mill-pubbliku skont ir-regolamenti legali rilevanti sabiex jintużaw fil-kopertura tal-kura tas-saħħa.

(68) Sabiex jappoġġaw ulterjorment l-affermazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Slovakki jfakkru wkoll il-fatt li anki wara li l-projbizzjoni fuq id-distribuzzjoni tal-profitti kienet abolita fl-2011, l-Att emendatorju Nru 250/2011 ippermetta lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jagħmlu profitt biss f'kundizzjonijiet definiti b'mod preċiż, jiġifieri:

(a) l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-profitti tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa;

(b) l-użu obbligatorju tal-profitti sabiex jinħoloq fond ta' riżerva sa 20 % tal-kapital irreġistrat imħallas tal-kumpannija tal-assigurazzjoni (il-fond ta' riżerva jista' jintuża biss biex ikopri t-telf ta' dik il-kumpannija tal-assigurazzjoni);

(c) il-ħolqien obbligatorju ta' dispożizzjonijiet tekniċi sabiex ikopru l-kura tas-saħħa ppjanata ta' persuni assigurati li jkunu fuq listi ta' stennija (għalhekk, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma jistgħux jagħmlu profitt għad-dannu tal-klijenti tagħhom billi jpoġġuhom fuq listi ta' stennija minflok ma jkopru mill-ewwel il-kura tas-saħħa tagħhom; dan huwa essenzjali għall-konformità mal-istandards ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati fl-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika).

(69) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Slovakki spjegaw li, meta VZP irrappurtat bilanċ pożittiv, hija ħolqot fond għall-kura tas-saħħa biex tkopri l-użu tal-kura tas-saħħa u biex tiffinanzja kura tas-saħħa partikolarment għalja koperta mill-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika. Barra minn hekk, fis-snin li fihom irrappurtaw bilanċ pożittiv, parti mill-profitti ta' VZP kienu allokati wkoll għall-fond ta' riżerva statutorju li sussegwentement kien jintuża biex inaqqas it-telf akkumulat. Għalhekk, skont l-awtoritajiet Slovakki, l-ebda profitt magħmul mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Istat qatt ma ġie mħallas lill-azzjonisti.

(70) F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Slovakka tirreferi wkoll għal restrizzjoni oħra fuq il-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jistgħu jissellfu fondi biss skont l-Att 523/2004 dwar ir-regoli baġitarji tal-amministrazzjoni pubblika, soġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-HSA.

(71) Sabiex jappoġġaw ulterjorment l-affermazzjoni tagħhom li l-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja ma taqax taħt ir-regoli tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet jiġbdu l-attenzjoni wkoll għal investigazzjoni tal-2009 mill-Uffiċċju Slovakk ta' Kontra l-Monopolji li żvelat li l-attivitajiet mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jitwettqu fi ħdan sistema kkaratterizzata minn livell għoli ta' solidarjetà fejn il-kura tas-saħħa tiġi pprovduta bla ħlas u l-elementi essenzjali ta' dawn l-attivitajiet huma regolati mill-Istat u li, għalhekk, l-attivitajiet imwettqa mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa fil-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika ma jistgħux jitqiesu bħala attività ekonomika minn impriżi li tillimita l-kompetizzjoni. Għalhekk, skont l-Uffiċċju ta' Kontra l-Monopolji, l-Att Slovakk dwar il-Kompetizzjoni ma japplikax għall-attivitajiet tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni li jitwettqu fil-forniment ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika. ([35])

(72) L-awtoritajiet Slovakki jispjegaw ukoll li fl-2011, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat il-projbizzjoni fuq id-distribuzzjoni tal-profitti mill-2007 bħala mhux kostituzzjonali billi kienet tikser id-drittijiet kostituzzjonali Slovakki tas-sjieda, iżda li hija ma kinitx tal-istess fehma li l-Att dwar il-Kumpanniji tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa kien jillimita l-prinċipji ta' ekonomija tas-suq. Huma jsemmu wkoll il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali osservat, f'dan ir-rigward, li leġislazzjoni dwar l-assigurazzjoni tas-saħħa li teskludi jew li tillimita b'mod sinifikanti l-impatt ta' strumenti ta' ekonomija tas-suq u b'hekk tillimita l-kompetizzjoni hija kostituzzjonalment aċċettabbli.

([35]) Investigazzjoni mwettqa mill-Uffiċċju ta' Kontra l-Monopolji b'rabta mal-fużjoni proposta bejn SZP u VZP, li tlestiet fit-3 ta' Diċembru 2009; ara wkoll ir-rapport annwali tal-2009 tal-Uffiċċju Kontra l-Monopolji, disponibbli mis-sit http://www.antimon.gov.sk/data/att/958.pdf.

(73) Minbarra l-asserzjoni tagħhom li l-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fis-Slovakka ma taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Slovakki jsostnu li l-miżuri ma jissodisfawx l-elementi l-oħra ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. F'dan il-kuntest, huma jsostnu li l-injezzjonijiet ta' kapital tal-2006 u tal-2009 ma kinux għajnuna billi rrispettaw il-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq. Huma jiċħdu wkoll li kien hemm trattament diskriminatorju mhux ġustifikat fil-proċess ta' ħelsien mid-dejn minn Veriteľ u jsostnu li ma ngħata l-ebda sussidju lil VZP fl-2006, iżda pjuttost li din l-operazzjoni kienet tinvolvi pagament normali ta' obbligazzjonijiet eżistenti mhux disputati mill-Istat. L-awtoritajiet Slovakki jipprovdu aktar dettalji dwar it-trasferimenti ta' portafolji minn DZP għal VZP u ta' EZP għal SZP u jsostnu li anki dawk it-trasferimenti ma tawx lil SZP/VZP vantaġġ selettiv skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Fl-aħħar nett, huma jipprovdu wkoll aktar informazzjoni dwar ir-RES, b'mod partikolari billi jikkjarifikaw kif il-kontribuzzjonijiet kienu ridistribwiti (kull xahar u kull sena) fis-snin 2006 sal-2012, u jargumentaw li din il-miżura ma tikkwalifikax lanqas bħala għajnuna mill-Istat, billi tugwalizza r-riskji inklużi fis-sistema minħabba l-eżistenza ta' rati ta' kontribuzzjoni uniformi għall-gruppi kollha ta' persuni assigurati bi gradi differenti ta' riskju.

(74) L-awtoritajiet Slovakki ddedikaw il-kummenti tagħhom għad-deċiżjoni ta' ftuħ biex jiddefendu il-pożizzjoni tagħhom li SZP/VZP, minħabba n-nuqqas ta' attività ekonomika, mhumiex impriżi u li l-miżuri huma konformi mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq u ma jagħtux vantaġġ lil SZP/VZP u, għaldaqstant, ma jinvolvux għajnuna. Għalhekk, huma ma ħassew il-ħtieġa li jippreżentaw l-ebda argument dwar il-kompatibbiltà tal-allegati miżuri ta' għajnuna.

7. **VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI**

(75) L-Artikolu 107, paragrafu 1 tat-TFUE jipprovdi li "[…] kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(76) Fuq il-bażi ta' dik id-dispożizzjoni, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw biss meta l-benefiċjarju tal-miżura jkun "impriża". Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QtĠ-UE") tiddefinixxi impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat bħala kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha jew il-mod kif tkun iffinanzjata. ([36]) Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża għalhekk tiddependi kompletament fuq in-natura ekonomika jew mhux ekonomika tal-attivitajiet tagħha.

(77) Kif spjegat fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-mistoqsija dwar jekk il-miżuri mogħtija favur SZP/VZP jikkostitwux għajnuna mill-Istat għalhekk tiddependi fl-ewwel istanza fuq jekk u safejn SZP/VZP, meta joperaw fi ħdan is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka, jaġixxux bħala impriżi minħabba li jistgħu jitqiesu li huma involuti f'attività ekonomika kif definita mill-każistika.

(78) Skont il-QtĠ-UE, attività ekonomika hija kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u/jew servizzi f'suq partikolari. ([37]) F'dan il-kuntest, il-kwistjoni dwar jekk jeżistix suq għal ċerti servizzi tista' tiddependi fuq il-mod speċifiku kif dawk is-servizzi jkunu organizzati u mwettqa fl-Istat Membru kkonċernat. ([38]) Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw biss meta ċerta attività tiġi pprovduta f'ambjent tas-suq. In-natura ekonomika tal-istess tip ta' servizzi għalhekk tista' tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Barra minn hekk, minħabba għażliet politiċi jew żviluppi ekonomiċi, il-klassifikazzjoni ta' servizz partikolari tista' tinbidel maż-żmien. Dak li mhuwiex attività tas-suq illum jista' jsir hekk fil-ġejjieni, u viċi versa. ([39])

(79) Fir-rigward tal-forniment tal-kura tas-saħħa, il-kwalifika ta' skemi ta' kura tas-saħħa bħala li jinvolvu attività ekonomika tiddependi fuq l-ispeċifiċitajiet politiċi u ekonomiċi tagħhom u l-mod partikolari kif tali skemi jkunu stabbiliti u strutturati fl-Istat Membru kkonċernat. Bażikament, il-każistika tal-QtĠ-UE tiddistingwi bejn skemi bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u skemi ekonomiċi. ([40])

([36]) Ara pereżempju l-Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 Pavlov u Oħrajn [2000] ECR I-6451, paragrafu 74.

([37]) Il-Kawża 118/85 Kummissjoni v l-Italja [1987] ECR 2599, paragrafu 7; il-Kawża C-35/96 Kummissjoni v l-Italja [1998] ECR I-3851, paragrafu 36; il-Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 Pavlov u Oħrajn, paragrafu 75.

([38]) Il-Kawżi Konġunti C-159/91 u C-160/91 Poucet u Pistre [1993] ECR I-637.

([39]) Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("Komunikazzjoni tal-2012 dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali"), (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 5), punt 12.

([40]) Il-Kummissjoni ġabret fil-qosor il-każistika rilevanti tal-QtĠ-UE fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għall-finanzjament tal-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2012 dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("Komunikazzjoni tal-2012 dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali").

(80) Il-każistika tal-QtĠ-UE tuża firxa ta' kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk skema tas-sigurtà soċjali hijiex ibbażata fuq is-solidarjetà u għalhekk ma tinvolvix attività ekonomika. F'dan ir-rigward jistgħu jkunu rilevanti numru ta' fatturi: (i) jekk l-affiljazzjoni fl-iskema hijiex obbligatorja ([41]); (ii) jekk l-iskema għandhiex għan esklussivament soċjali ([42]); (iii) jekk l-iskema hijiex mingħajr skop ta' qligħ ([43]); (iv) jekk il-benefiċċji humiex indipendenti mill-kontribuzzjonijiet magħmula ([44]); (v) jekk l-ammont tal-benefiċċji mħallsa mhuwiex neċessarjament proporzjonat mal-qligħ tal-persuni assigurati ([45]); u (vi) jekk l-iskema hijiex sorveljata mill-Istat. ([46])

(81) B'kuntrast mal-iskemi bbażati fuq is-solidarjetà, l-iskemi ekonomiċi huma kkaratterizzati b'mod regolari minn: (i) sħubija fakultattiva ([47]); (ii) il-prinċipju tal-kapitalizzazzjoni — jiġifieri d-dipendenza tal-intitolamenti fuq il-kontribuzzjonijiet imħallsa u r-riżultati finanzjarji tal-iskema ([48]); (iii) in-natura tagħhom għal skop ta' profitt ([49]) u (iv) il-forniment ta' intitolamenti li huma supplimentari għal dawk taħt skema bażika. ([50])

(82) Ċerti skemi jgħaqqdu flimkien elementi taż-żewġ kategoriji (skemi bbażati fuq is-solidarjetà u skemi ekonomiċi) ([51]), biex hekk, sabiex tistabbilixxi jekk skema partikolari hijiex ta' natura ekonomika jew mhux ekonomika, il-Kummissjoni trid tivverifika l-preżenza u tiżen l-importanza rispettiva ta' kull wieħed mill-elementi differenti elenkati fiż-żewġ premessi għall-iskema ttrattata. ([52])

(83) Id-deċiżjoni finali dwar jekk il-forniment ta' servizzi tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fir-Repubblika Slovakka huwiex attività mhux ekonomika jew attività ekonomika għalhekk se tiddependi fuq analiżi dettaljata tal-mod speċifiku ta' kif dik l-attività tkun organizzata u mwettqa f'dak l-Istat Membru u għalhekk se tkun speċifika għas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja f'dak l-Istat Membru. Huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet ġenerali li l-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-miżuri kkontestati li allegatament ġew mogħtija lil SZP/VZP jikkostitwux għajnuna mill-Istat bħala miżuri mogħtija lil "impriża" fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(84) Numru ta' indikaturi jippuntaw lejn in-natura mhux ekonomika tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakka, b'mod partikolari fir-rigward tal-karatteristiċi soċjali u l-għanijiet tagħha, li jispikkaw b'mod predominanti fit-tħaddim ta' dik is-sistema, u li s-sistema hija bbażata ċentralment fuq il-prinċipju tas-solidarjetà.

(85) L-ewwel nett, il-parteċipazzjoni fil-programm tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika hija obbligatorja bil-liġi għall-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni fir-Repubblika Slovakka u s-servizzi mediċi koperti bl-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja jiġu pprovduti irrispettivament mill-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna assigurata. Persuna assigurata hija libera li tagħżel kwalunkwe kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa u, bl-obbligu tar-reġistrazzjoni miftuħa, il-kumpannija tal-assigurazzjoni tas-saħħa magħżula ma tistax tirrifjuta l-assigurazzjoni lil dik il-persuna minħabba l-età, l-istat tas-saħħa jew ir-riskji ta' mard tiegħu. ([53])

([41]) Il-Kawżi Konġunti C-159/91 u C-160/91 Poucet u Pistre [1993] ECR I-637, paragrafu 13.
([42]) Il-Kawża C-218/00 Cisal u INAIL [2002] ECR I-691, paragrafu 45.
([43]) Il-Kawżi Konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01 AOK Bundesverband [2004] ECR I-2493, paragrafi 47 sa 55.
([44]) Il-Kawżi Konġunti C-159/91 u C-160/91 Poucet u Pistre (ċitati aktar 'il fuq), paragrafi 15 sa 18.
([45]) Il-Kawża C-218/00 Cisal u INAIL (ċitata aktar 'il fuq), paragrafu 40.
([46]) Il-Kawżi Konġunti C-159/91 u C-160/91 Poucet u Pistre (ċitati aktar 'il fuq), paragrafu 14; il-Kawża C-218/00 Cisal u INAIL (ċitata aktar 'il fuq), paragrafi 43-48; il-Kawżi Konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01 AOK Bundesverband (ċitati aktar 'il fuq), paragrafi 51-55.
([47]) Il-Kawża C-67/96 Albany [1999] ECR I-5751, paragrafi 80-87.
([48]) Il-Kawża C-244/94 FFSA u Oħrajn (ċitata aktar 'il fuq), paragrafi 9 u 17 sa 20; il-Kawża C-67/96 Albany (ċitata aktar 'il fuq), paragrafi 81 sa 85; ara wkoll il-Kawżi Konġunti C 115/97 sa C 117/97 Brentjens [1999] ECR I 6025, paragrafi 81 sa 85, il-Kawża C 219/97 Drijvende Bokken [1999] ECR I 6121, paragrafi 71 sa 75, u l-Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 Pavlov (ċitata aktar il fuq), paragrafi 114 u 115.
([49]) Il-Kawżi Konġunti C 115/97 sa C 117/97 Brentjens (ċitata aktar 'il fuq).
([50]) Il-Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 Pavlov u Oħrajn (ċitati aktar 'il fuq).
([51]) Ara pereżempju l-eżerċizzju ta' ponderazzjoni mwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-350/07 Kattner Stahlbau [2009] ECR I-1513, b'mod partikolari l-paragrafi 33-68.
([52]) F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat ukoll li s-Sentenza riċenti (T-347/09, Ġermanja v. il-Kummissjoni, Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, għadha ma ġietx ippubblikata) imsemmija mill-ilmentatur Dôvera fil-kummenti tagħha għad-deċiżjoni ta' ftuħ sempliċement tikkonferma l-fatt li l-organizzazzjonijiet mhux bi skop ta' profitt jistgħu joffru prodotti u servizzi f'suq ukoll (ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-2012 dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, paragrafu 9 b'referenza għall-każistika). Madankollu, dan ma jbiddilx il-fatt li l-konklużjoni dwar in-natura ekonomika jew mhux ekonomika tal-attività f'każ partikolari trid tkun ibbażata fuq il-preżenza u l-ponderazzjoni tal-importanza rispettiva ta' kull wieħed mill-elementi differenti.
([53]) Ara l-premessi 23 sa 25.

(86) It-tieni, l-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka hija bbażata fuq kontribuzzjonijiet li huma stabbiliti bil-liġi b'mod proporzjonali mal-introjtu tal-persuna assigurata, pjuttost milli fuq ir-riskju assigurat (l-età, l-istatus tas-saħħa, ir-riskji ta' mard tal-persuna assigurata). Barra minn hekk, ma hemm l-ebda rabta diretta bejn l-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-individwu fl-iskema u l-valur tal-benefiċċji riċevuti minn dak l-istess individwu mill-iskema. B'riżultat ta' dan, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni ma għandhom l-ebda possibbiltà li jinfluwenzaw l-ammont tal-kontribuzzjonijiet jew il-livell minimu ta' kopertura li għalih ikunu intitolati l-persuni assigurati billi dan kollu huwa stabbilit mil-leġislazzjoni nazzjonali.

(87) It-tielet, il-persuni assigurati kollha huma ggarantiti bil-liġi li jirċievu l-istess livell bażiku ta' benefiċċji, li fil-fatt huwa għoli ħafna billi jkopri kważi l-proċeduri kollha tal-kura tas-saħħa pprovduti fir-Repubblika Slovakka, li jfisser li tista' tgħid il-kura tas-saħħa sħiħa hija pprovduta permezz tal-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja. ([54]) L-iskema ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju (RES) Slovakka tassigura li r-riskji tal-assigurazzjoni jiġu maqsuma u għalhekk issaħħaħ aktar is-solidarjetà. Barra minn hekk, is-sistema Slovakka timponi l-prinċipju tal-klassifikazzjoni tal-komunità, jiġifieri, l-assiguraturi mhumiex permessi li jiddifferenzjaw il-primjums skont ir-riskju tal-assigurazzjoni, filwaqt li l-ugwalizzazzjoni tar-riskju tikkumpensa parzjalment lill-assiguraturi li jkollhom profil demografiku aktar riskjuż fil-portafoll tagħhom permezz ta' ridistribuzzjoni tal-flus minn dawk l-assiguraturi li jħallsu benefiċċji anqas mill-medja għal dawk li jħallsu benefiċċji ogħla mill-medja lill-persuni assigurati tagħhom. ([55])

(88) Fl-aħħar nett, minbarra l-karatteristiċi soċjali u ta' solidarjetà kollha li ssemmew hawn fuq, il-Kummissjoni tfakkar li l-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka hija organizzata u titwettaq taħt qafas regolatorju b'saħħtu: l-istatus, id-drittijiet u l-obbligi tal-kumpanniji kollha tal-assigurazzjoni tas-saħħa huma stabbiliti b'liġijiet li jistabbilixxu kundizzjonijiet dettaljati u huma joperaw soġġetti għal superviżjoni stretta mill-Istat. ([56])

(89) Fuq il-bażi ta' dawn il-karatteristiċi, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakka mhijiex ta' natura ekonomika, u għalhekk SZP/VZP ma jistgħux jitqiesu li jikkwalifikaw bħala "impriża" fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. ([57])

(90) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li ċerti elementi tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka jistgħu jippuntaw lejn in-natura ekonomika tal-attivitajiet involuti f'dik is-sistema: (i) il-preżenza ta' diversi operaturi tal-assigurazzjoni (pubbliċi u privati) fis-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakk, (ii) xi grad ta' kompetizzjoni bejn dawk l-assiguraturi tas-saħħa, li huma (iii) involuti f'attività għall-profitt, u (iv) il-fatt li l-attività tqieset li hija miftuħa għall-kompetizzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali Slovakka. Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-preżenza ta' dawk l-elementi ma tqajjimx dubji dwar il-konklużjoni tagħha li l-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fis-Slovakkja hija attività mhux ekonomika.

(91) L-ewwel, il-Kummissjoni tinnota li l-fatt li hemm diversi operaturi (pubbliċi u privati) attivi fis-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fih innifsu ma jagħtix natura ekonomika lill-attivitajiet tagħhom f'sistema fejn, kif spjegat fil-premessi (85) sa (87), il-karatteristiċi u l-għanijiet soċjali tas-sistema huma predominanti, il-prinċipju tas-solidarjetà huwa ċentrali għall-operazzjoni ta' dik is-sistema u s-superviżjoni mill-Istat hija stretta. Interpretazzjoni bħal din tagħti piż mhux xieraq lill-arranġamenti organizzattivi magħżula minn Stat Membru fit-tħaddim ta' parti mis-sistema tas-sigurtà soċjali tiegħu, pjuttost milli lis-sustanza tas-sistema inkwistjoni. ([58])

(92) It-tieni, mill-każistika tal-QtĠ-UE joħroġ li anki l-preżenza ta' possibbiltà ta' kompetizzjoni fis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa u l-kompetizzjoni li fil-fatt isseħħ, anki jekk intiża mil-leġislatur u kkonfermata mill-ġudikatura, mhux neċessarjament tagħti natura ekonomika lill-attività inkwistjoni. Il-QtĠ-UE għamlitha ċara li sabiex tikkonkludi dwar in-natura ekonomika jew mhux ekonomika tal-attivitajiet f'sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorja li, bħas-sistema Slovakka, tagħti xi spazju għall-kompetizzjoni, in-natura u l-grad ta' din

([54]) Ara l-premessi 26 sa 29.
([55]) Ara l-premessi 23 sa 25.
([56]) Ara l-premessa 32.
([57]) Il-karatteristiċi tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka huma simili għas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorja Ġermaniża valutati mill-QtĠ-UE fil-Kawżi Konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01 AOK Bundesverband. Il-QtĠ-UE qieset is-sistema Ġermaniża bħala li hija ta' natura mhux ekonomika u b'mod partikolari nnotat li l-fondi tal-mard Ġermaniżi kienu sfurzati bil-liġi biex joffru lill-membri tagħhom benefiċċji obbligatorji essenzjalment identiċi stabbiliti mill-Istat li ma kinux jiddependu fuq l-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuni assigurati, għalhekk ma kinux f'kompetizzjoni ma' xulxin fir-rigward tal-għoti tal-benefiċċji statutorji obbligatorji u kienu involuti f'sistema ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju (ara l-paragrafi 52 sa 54 ta' dik id-deċiżjoni).
([58]) Ara wkoll il-Kawża C-350/07 Kattner Stahlbau (ċitata aktar 'il fuq), paragrafu 53, u b'mod partikolari l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Mazak f'dak il-każ (paragrafu 59).

il-kompetizzjoni, iċ-ċirkustanzi li fihom isseħħ u l-preżenza u l-piż tal-fatturi rilevanti l-oħra huma deċiżivi. ([59]) F'dan il-każ, it-tip ta' kompetizzjoni li hija l-aktar interessanti għall-konsumaturi — il-kompetizzjoni fil-prezzijiet fir-rigward tal-livell tal-kontribuzzjonijiet — hija eskluża billi l-assiguraturi tas-saħħa Slovakki ma jistgħux jimmodifikaw il-livell tal-kontribuzzjonijiet tal-persuni assigurati, li huma stabbiliti bil-liġi. Barra minn hekk, il-possibbiltà ta' kompetizzjoni dwar il-kwalità hija pjuttost limitata billi s-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka tipprevedi firxa wiesgħa ħafna ta' benefiċċji statutorji li huma ndaqs għall-persuni assigurati kollha, li ftit iħalli lok għall-assiguraturi biex jikkompetu għall-klijenti billi joffru intitolamenti (gratwiti) addizzjonali. L-assiguraturi tas-saħħa għalhekk ma għandhom l-ebda possibbiltà li jinfluwenzaw dawk il-benefiċċji statutorji u għalhekk mhumiex f'kompetizzjoni ma' xulxin jew fir-rigward tal-għoti tal-benefiċċji statutorji obbligatorji tal-kura tas-saħħa li tikkostitwixxi l-funzjoni prinċipali tagħhom.

(93) It-tielet, il-Kummissjoni tqis li n-natura mhux ekonomika tal-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja mhijiex affettwata mill-fatt li l-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jinvolvu ruħhom f'kompetizzjoni għall-kwalità u kompetizzjoni għall-effiċjenza tal-akkwist billi jixtru l-kura tas-saħħa u servizzi relatati ta' kwalità tajba mingħand il-forniturі bi prezzijiet kompetittivi. B'dan il-mod, il-kumpanniji tal-assigurazzjoni, permezz ta' attività li tista' tiġi separata mill-kuntratti tagħhom mal-persuni assigurati fi ħdan l-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja, jiksbu l-inputs neċessarji biex jaqdu r-rwol tagħhom fi ħdan dik is-sistema. Mill-każistika tal-QtĠ-UE joħroġ li jekk is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja hija dovuta għall-karatteristiċi inerenti tagħha ta' natura mhux ekonomika, f'dak il-każ l-attività tal-akkwist tal-inputs neċessarji sabiex titħaddem din is-sistema hija wkoll ta' natura mhux ekonomika. ([60])

(94) Ir-raba', il-fatt li r-regolamentazzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja fis-Slovakkja tippermetti lill-assigurаturi tas-saħħa li jagħmlu l-profitti u jqassmu parti mill-profitti lill-azzjonisti tagħhom ma jbiddilx in-natura mhux ekonomika tal-attivitajiet tagħhom billi dawn jitwettqu f'sistema li għandha preżenza b'saħħitha tal-karatteristiċi kollha hawn fuq imsemmija li jindikaw in-natura mhux ekonomika. Is-sempliċi fatt li l-assigurаturi tas-saħħa huma permessi li jagħmlu l-profitti u jqassmu parti mill-profitti ma jistax fih innifsu jdawwar il-predominanza tal-karatteristiċi u l-għanijiet soċjali tas-sistema, ir-rwol ċentrali tal-prinċipju tas-solidarjetà fiha u l-grad strett ta' regolamentazzjoni u sorveljanza mill-Istat li fih topera. Rigward ir-regolamentazzjoni mill-Istat, il-Kummissjoni tfakkar li l-possibbiltà li jsiru, jintużaw u jitqassmu l-profitti hija inkwadrata u limitata mill-obbligi legali imposti mill-Istat fuq il-kumpanniji tal-assigurazzjoni Slovakki, li huma maħsuba sabiex jassiguraw il-vijabbiltà u l-kontinwità tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja bl-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà predominanti kollha tagħha. ([61]) Il-libertà li jsiru, jintużaw u jitqassmu l-profitti għalhekk hija konsiderevolment aktar limitata fis-settur tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka milli fis-setturi kummerċjali normali u hija soġġetta għall-kisba ta' għanijiet soċjali u ta' solidarjetà.

(95) B'riżultat ta' dan, minħabba n-natura limitata tal-kompetizzjoni li kienet introdotta fis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka (jiġifieri kompetizzjoni limitata biss għall-kwalità u l-ebda kompetizzjoni fil-prezzijiet) kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq il-mod kif jistgħu jsiru u jintużaw il-profitti, l-elementi tal-kompetizzjoni u l-orjentament lejn il-profitti li huma preżenti fis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka ma jqajmux dubji dwar il-karatteristiċi soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji predominanti li jindikaw in-natura mhux ekonomika tal-attivitajiet imwettqa mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa f'dik is-sistema. Pjuttost, l-elementi ta' kompetizzjoni u l-orjentament lejn il-profitti li hemm preżenti fis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja Slovakka għandhom jitqiesu li jsegwu l-għan primarju li jinkoraġġixxu lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni sabiex joperaw skont il-prinċipji ta' ġestjoni tajba fl-interess tal-funzjonament tajjeb ta' dik is-sistema tas-sigurtà soċjali, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex jassiguraw li l-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà ta' dik is-sistema jiġu milħuqa. ([62])

(96) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tħoss li l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali Slovakka (fil-valutazzjoni ta' ksur possibbli tad-dritt ta' intraprиża skont il-Kostituzzjoni Slovakka) qieset is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakka "inkluża fl-isfera tal-kompetizzjoni" ma jfissirx li din is-sistema tinvolvi attivitajiet ta' natura ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, f'dak il-każ il-Qorti Kostituzzjonali Slovakka kienet mitluba

([59]) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li l-fatt li l-fondi tal-mard Ġermaniżi fil-kawża ta' AOK (il-Kawżi Konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01 AOK Bundesverband) kienu saħansitra involuti f'xi kompetizzjoni dwar il-prezzijiet permezz ta' ċerta possibbiltà li jvarjaw ir-rati tal-kontribuzzjoni tal-affiljati, ma qajjimx dubji dwar is-sejba tal-Qorti li huma ma kinux involuti f'attività ekonomika. Skont il-QtĠ-UE, l-introduzzjoni ta' element ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet sabiex il-fondi tal-mard ikunu inkoraġġiti joperaw skont il-prinċipji ta' ġestjoni tajba, jiġifieri bl-aktar mod effettiv u l-anqas għali possibbli, kien fl-interess tas-sistema tas-sigurtà soċjali Ġermaniża. Skont il-QtĠ-UE, l-insegwiment ta' dak l-objettiv bl-ebda mod ma jbiddel in-natura tal-attività tal-fondi tal-mard (ara l-paragrafu 56 ta' dik is-sentenza).

([60]) Ara l-Kawża T-319/99 FENIN [2003] ECR II-357 (b'mod partikolari l-paragrafu 37).

([61]) Il-premessi 84 sa 88.

([62]) Fid-dawl ukoll tal-objettiv prinċipali tal-(effiċjenza) tar-riforma msemmi fil-premessa 13.

teżamina jekk il-projbizzjoni leġislattiva tal-2007 fuq id-distribuzzjoni tal-profitti mill-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa kinitx kompatibbli mal-Kostituzzjoni Slovakka (ksur tad-dritt tas-sjieda, protezzjoni tal-proprjetà u d-dritt ta' intraprizà) u kompatibbli mal-Artikoli 18, 49, 54, 63 tat-Trattat. Il-Qorti Kostituzzjonali Slovakka ddeċidiet li din il-projbizzjoni kienet tikser il-Kostituzzjoni Slovakka, u li għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni biex tiddiskuti l-elementi sostantivi tar-regoli tas-suq intern tal-UE jew li tiddeċiedi dwar il-ksur tagħhom.

(97) F'dan l-isfond, meta jitqiesu l-partikolaritajiet tal-każ kurrenti u l-preżenza u l-ponderazzjoni tal-indikaturi rilevanti, l-attività tal-assigurazzjoni tas-saħħa obbligatorja kif organizzata u mwettqa fis-Slovakkja ma tistax titqies bħala attività ekonomika.

(98) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li SZP/VZP, bħala l-benefiċjarji tal-miżuri kkontestati, ma jistgħux jitqiesu bħala li jikkostitwixxu impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għalhekk dawk il-miżuri ma jwasslux għal għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni.

(99) Għalhekk, m'hemmx bżonn li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u lanqas li tiġi valutata l-kompatibbiltà tal-miżuri kkontestati.

8. **KONKLUŻJONI**

(100) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri kkontestati ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri segwenti mogħtija mir-Repubblika Slovakka lil Spoločná zdravotná poisťovňa, a.s (SZP) u/jew Všeobecná zdravotná poisťovňa, a.s (VZP) ma jikkostitwux għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat:

(a) iż-żieda kapitali ta' SKK 450 miljun li saret f'SZP bejn it-28 ta' Novembru 2005 u t-18 ta' Jannar 2006;

(b) il-ħelsien mid-djun ta' SZP permezz ta' Veritel' a.s. mill-2003 sal-2006;

(c) is-sussidju mogħti lil SZP mill-Ministeru tas-Saħħa fl-2006;

(d) iż-żieda kapitali ta' EUR 65,1 miljun f'VZP fl-1 ta' Jannar 2010;

(e) l-Iskema ta' Ugwalizzazzjoni tar-Riskju stabbilita bil-Parti 3 tal-Att Nru 580/2004; u

(f) it-trasferiment tal-portafolji tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa likwidati, b'mod partikolari tal-kumpannija Družstevná zdravotná poisťovňa lil VZP u tal-kumpannija Európská zdravotná poisťovňa lil SZP.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President